MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Avviz Numru. 346/2003

Avviz Nru 346/03DM

Maltanet Ltd.

Vs

Sportwetten Gera Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u sitta u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1,656.20), oltre l-imghax fuq l-istess bir-rata kummercjali, favur is-socjeta' attrici, rapprezentanti servizz ta' internet connection u servizzi ohra, rezi mill-istess socjeta' attrici, fuq inkarigu tal-kumpanija konvenuta.

Bl-ispejjes legali, inkluzi dawk tal-mandat ta’ Qbid ipprezentat kontestwalment, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra s-socjeta’ konvenuta, li r-rapprezentant jew rapprezentanti legali taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi ghalkemm il-kumpanija konvenuta kienet giet rapprezentata f’dawn il-proceduri hija naqset illi tipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet in kostentazzjoni tat-talba attrici fi zmien prefiss, u r-rapprezentanti tal-kumpanija konvenuta naqsu li jidhru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta’ elf, sitt mija, sitta u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1,656.20) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mill-1 ta’ Lulju, 2003.

Bl-ispejjez kontra il-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------